# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Għasri

## Is-Seba' Leġislatura

## Laqgħa Nru. 48

It-Tlieta 20 ta' Diċembru, 2016

Il-Kunsill Lokali L-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-6.30 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Sur Ruben Cassar | - Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

**20 ta' Diċembru, 2016**

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 48.0 Laqgħa Pubblika

Il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika huma annessi ma' dawn il-Minuti.

## 48.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**48.1.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m'hemmx ittri ta' apoloġiji

## 48.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 7-47

**48.2.01** Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 48.3 Punti mqajma mill-Minuti

**48.3.01** Ma kienx hemm punti diskussi mill-laqgħa preċedenti u għalhekk il-laqgħa kompliet skond l-Aġenda.

## 48.4 Korrispondenza

**48.4.01** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 45/2016 – Onorarju dovut lill-President u Membri Eletti tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, il-Presidenti tar-Reġjuni u s-Sindki.

**48.4.02** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 46/2016 – Struzzjonijiet għal matul il-Festi tal-Milied.

**48.4.03** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 46A/2016 – Corrigendum għal Ċirkulari Numru 46/2016.

**48.4.04** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 47/2016 – Inizjattiva ta' taħriġ – Sistema ta' Akkwist Elettroniku (l-ePPS) (www.etenders.gov.mt).

**48.4.05** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 48/2016 – Il-Community Workers' Scheme fil-Kunsilli Lokali.

**48.4.06** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 49/2016 – Inizjattiva ta' Taħriġ – Tisħiħ fil-Kitba Maltija.

**48.4.07** Sergio Mallia minn WEEE Malta informa lill-Kunsilli Lokali dwar proġett pilota li sar f'irħula Malta fejn jitpoġġa trolley fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill biex jiġabar fih skart eletroniku. Il-Kunsill qabel li għandna nipparteċipaw f'dan il-proġett.

**48.4.08** Il-MEUSAC infurmaw lill-Kunsill dwar sejħiet għal fondi tal-EU li se joħorġu fi żmien qrib. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-programm taħt Priority Axis 5 – Protecting

our environment – investing in natural and cultural assets. Il-Kunsill qabel li għandna inkelmu lill-Perit tal-Kunsill Mario Cordina sabiex iħejji pjan biex l-inħawi tal-Kappella ta' San Publiju jiġi rinnovat. Dan il-proġett jista' jkun eliġibbli għal din il-Priority Axis 5 u għalhekk jekk l-applikazzjoni tal-Kunsill tkun aċċetta ikun jista' jitwettaq dan il-proġett.

**48.4.09** Michael Mintoff ta' Triq San Publiju ilmenta dwar l-istat ta' din it-triq u tal-istess inħawi. Il-Kunsill diġa iddiskuta dwar dawn l-inħawi aktar kmieni illum. Il-Kunsill jittama li jikseb fondi mill-EU sabiex ikun jista' iwettaq ix-xogħol meħtieġ.

## 48.5 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

**48.5.01** Is-Segretarju Eżekuttiv ser itemm il-kariga tiegħu fi żmien qasir u għalhekk il-post se jkun vakanti. Il-Kunsill ġie infurmat mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard li mhux possibbli għalih li jservi f'din il-kariga peress li diġa qed jaħdem ma' żewġ Kunsilli Lokali oħra. Għalhekk il-Kunsill iddiskuta sabiex jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv ġdid. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul fejn anke saret referenza għaċ-Ċirkulari 16/2016 u għal-lista ta' Segretarji Eżekuttivi prospettivi. Is-Sindku innomina lil Rita Mifsud Attard bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud issekondat din il-proposta li għaddiet unanimament. Għalhekk id-Dipartiment għall-Gvern Lokali se jiġi infurmat dwar dan biex Rita Mifsud Attard tkun tista' tinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv.

## 48.6 Attivitajiet għal żmien il-Milied

**48.6.01** Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivitajiet li għandhom jiġu organizzati fi żmien il-Milied. Il-librara Marvic Attard Briffa qed taħdem sabiex dawn l-attivitajiet ikunu jistgħu jiġu organizzati.

## 48.7 Rapporti

**48.7.01** Id-dokument dwar l-Estimi Annwali għas-sena 2017 kien tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill. Dan id-dokument ġie diskuss ukoll waqt il-laqgħa pubblika. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament L-Estimi Annwali għas-sena 2017.

**48.7.02** Id-dokument dwar l-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2017-2019 kien tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill. Dan id-dokument ġie diskuss ukoll waqt il-laqgħa pubblika. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament Il-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2017-19.

## 48.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**48.8.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-048 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 48.9 Materja oħra

**48.9.01** Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien avviċina lis-sidien ta' l-egħlieqi li hemm fl-inħawi ta' Triq il-Fanal fejn ser isir xogħol ta' kisi bit-tarmak biex jekk huwa possibbli t-triq titwessa. Is-Sindku qal li huma qed jaqblu dwar dan u għalhekk ser

ikompli bid-diskussjonijiet dwar il-possibilta li titwessa parti minn din it-triq u b'hekk tkun aktar aċċessibbli.

**48.9.02** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-ftehim dwar ġbir ta' skart fil-lokalita tagħna kien jagħlaq fl-aħħar ta' din is-sena. Għalhekk kien ħareġ sejħa ta' interess dwar dan is-servizz. F'Malta hawn żewġ kumpaniji li joffru dan is-servizz u għalhekk Greenmt u Greenpak ġew mitluba jibgħatu l-proposti tagħhom. Il-Kunsill iddiskuta l-kontenut taż-żewġ proposti li irċieva u qabel unanimament li l-aktar proposta vantaġġjuża hija ta' Greenmt. Il-Kunsill qabel ukoll li din il-kumpanija ilha toffri dan is-servizz għal diversi snin u qatt ma' kien hemm problemi. Għalhekk Greenmt se jiġu infurmati sabiex isir ftehim ġdid dwar dan is-servizz.

## 48.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

**47.9.01** Il-laqgħa intemmet fit-8.15p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 25 ta' Jannar 2017 fis-7.00pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 25 ta' Jannar, 2017

| | |
|---|---|
| Dr Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |